**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Nru.: 94/2017**

**Teresa Caruana (347062M)**

**vs**

**Peter Farrugia (337161M) u Concetta Farrugia ghal kull interess li jista' jkollha (560963M)**

**Illum 5 ta Lulju 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Teresa Caruana fit-22 ta' Marzu, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsuha immedjatament flimkien u in solidum, jew min minnhom, is-somma ta' hdax-il elf u mitejn Ewro (€11,200) dovuti in kwantu ghal tlett elef u hames mitt Ewro (€3500) rifuzjoni ta' depozitu mhallas lil Peter Farrugia, fiz-zwieg tieghu mal-intimata Concetta Farrugia, akkont tal-prezz ta' ghamara li naqas li jikkonsenja lill-attrici kif miftiehem, u l-bilanc ta' sebat elef u seba' mitt Ewro (€7700) penali ghad-dewmien komputata bl-ammont ta' ghoxrin Ewro (€20) kuljum bejn l-1 ta' Marzu 2016 u d-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, iz-zewg dati inkluzi, flimkien ma' dik is-somma l-ohra rapprezentanti l-hlas tal-penali dovuti wara llum sad-data tas-sentenza finali, bir-rata ta' ghoxrin Ewro (€20) kuljum, kollox skond kif stipulat fl-iskrittura ffirmata bejn il-kontendenti, li kopja taghha hija annessa u mmarkata bhala Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 2325/2016, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali ezekuttiva, kontra l-konvenut li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti gew notifikati bl-atti tal-kawza fl-4 ta' Mejju, 2017, skond riferta posittiva tal-Marixxal Charles Cassar datata nhar l-4 ta' Mejju 2017 stess izda baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta sabiex jikkontestaw lt-talba attrici.

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Gunju 2017 li permezz taghha l-attrici pprezentat l-affidavit taghha li gie markat bhala Dok TC1, skrittura li saret bejn l-kontendenti li giet immarkata bhala Dok TC2, vera kopja ta' cekk mahrug fid-29 ta' Jannar 2015 favur il-konvenut immarkat bhala Dok TC3, vera kopja ta' cekk mahrug fit-18 ta' Gunju 2015 favur il-konvenut li gie mmarkat bhala Dok TC4 u kopja legali ta' ittra ufficcjali esekuttiva numru 2325/16 immarkata bhala Dok TC5.

L-attrici Teresa Caruana fl-affidavit taghha tispjega illi li hija saret taf lill-konvenut ghall-habta tas-sena 2014 u dan b'kumbinazzjoni meta kien jaghmel xoghol ta' mastrudaxxa ma' kumpanija minn fejn kienu xtraw il-bibien tal-injam. Dak iz-zmein il-konvenut Peter Farrugia kien ftahar maghha li jahdem tajjeb u li huwa habrieki u hija emmnitu.

Tghid li fil-bidu tas-sena 2015 kienet kellmitu u staqsietu sabiex jahdmilha l-ghamara ghal zewg appartamenti godda li ghandha gewwa s-Siggiewi. Huwa accetta mill-ewwel u dan id-diskors sar waqt li huwa kien qed iwahhlilha l-bibien li tkellmet dwarhom aktar 'il fuq.

Hija ghalhekk ordnat din l-ghamara u gharrfitu li kellha bzonn kollox malajr u ghalhekk kienet lesta li thallas aktar ghaliex fis-27 ta' Mejju 2015 kienet sejra toqghod ghandha habiba taghha li kienet gejja minn barra u dan ghaliex kien ser jizzewwgilha it-tifel u ghalhekk xtaqet li l-appartament ikun mghammar b'kollox. Hija fdatu u ghalhekk tatu l-ewwel depositu fl-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) u dan fid-29 ta' Jannar 2015.

B'kollox minghand Peter Farrugia ordnat zewgt ikmamar tas-sodda *main* tal-gewz, zewg *spare bedrooms* tal-abjad, zewg kcejjen tal-*vanguet* u zewg *wall units* parigg. Huwa intrabat li jlesti kollox u jkollha kollox f'postu sat-12 ta' Mejju 2015.

Peter Farrugia mar ghandha fl-appartament u ha l-kejl u hija marret diversi drabi l-garaxx tieghu l-ewwel f'Haz Zebbug u imbaghad Hal-Luqa biex tara ix-xoghol. Tghid li gieli marret u uriha xi xoghol u kien jghidilha li dan ix-xoghol kien parti mill-ghamara taghha. Dejjem kien iweghda li kien sejjer bix-xoghol u qaltlu sabiex igibilha l-ghamara ta' appartament wiehed, kull darba. Pero l-ghamara baqghet ma waslet qatt sa Mejju 2015 u lanqas wara. Dan holqilha diversi problemi ghaliex kienet dahlet f'irbit mal-habiba taghha u ma setghetx izzomm kelmitha. Pero ssaportiet ftit iehor bit-tama li jaqdiha u bdiet tigri warajh biex ilesti.

Minhabba f'hekk insistiet mal-konvenut li jaghmlu karta bejniethom u Peter ma kellux oggezzjoni ghal tali talba u ghalhekk ghamlu l-iskrittura datata 18 ta' Gunju 2016 esebita fl-atti, u dakinhar tatu pagament iehor ta' elf Ewro (€1,000) u huwa ntrabat li jlestilha kollox sa Frar 2016 u jekk ma jlestix itiha penali ta' ghoxrin Ewro (€20) kuljum sakemm ilesti minhabba t-telf li kienet qed iggarrab. Hija ghamlet referenza ghal kopji taz-zewg cekkijiet li tatu li jinsabu esebiti fl-atti . Qalet li nel frattemp dahlet is-servizz tad-dawl u ilma pero' qed titlef mal- hames mitt Ewro (€500) fix-xahar ghaliex ma tistax tikrihom.

Fi Frar 2016 Peter Farrugia baqa' ma taha xejn. Cio nonostante talabha hames mitt Ewro (€500) ohra bhala akkont u qalilha li l-gwardarobba kienet kwazi lesta. Fid-9 ta' Marzu 2016 ghaddietlu l-flus li kien talabha *cash*.

Nel frattemp Peter Farrugia kien mar ghandha u darilha l-bieb ta' barra tal-blokk ta' appartamenti, ghamlilha xkafef ghal kamra tal-banju u offriet li thallsu apparti, izda ma riedx. Sa llum l-ghamara baqghet ma gietx konsenjata lilha u l-appartamenti baqghu vojta u mhux qed jintuzaw. Hija llum ordnat l-ghamara minghand haddiehor.

Illi l-konvenuti ma ressqu l-ebda provi dwar it-talba attrici.

Rat illi dak li talbet l-attrici gie pprovat kemm bix-xhieda taghha w kemm bil-korroborazzjoni tad-dokumenti esebiti minnha u l-Qorti m'ghandha ghalfejn tiddubita xejn minn dak li qalet l-istess attrici fix-xhieda li hija tat fl-affidavit taghha, kemm fir-rigward tar-rifuzjoni tal-flus li gew mghoddija lil-konveut fl-ammont ta' tlett elef u

hames mitt Ewro (€3,500) kif ukoll fir-rigward tal-penali mitluba minnha u cioe' l-ammont ta' sebat elef u sebgha mitt Ewro (€7,700) ghad-dewmien rapprezentanti ghoxrin Ewro (€20) kuljum bejn l-1 ta' Marzu 2016 u d-data tal-prezentata tar-rikors promotur, iz-zewg dati inkluzi. B'kollox ghalhekk is-somma totali ta' hdax-il elf u mitejn Ewro (€11,200).

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici b' dan illi qed tikkundanna lill-konvenuti sabiex *in solidum* ihallsu lill-attrici dik l-istess somma mitluba minnha u cioe' l-ammont ta' hdax-il elf u mitejn Ewro (€11,200).**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 2325/2016, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors promotur u bl-imghax skond il-ligi, li ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali esekuttiva numru 2325/16.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**